MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 268/1982/2

Dr. Ian Refalo LL.D., in rapprezentanza tad-ditta Laminati Plastipont S.p.a.
vs
Paul Falzon u Alex Vella bhala diretturi u in rapprezentanza tal-kumpanija G. & S. Falzon Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha ppremetta:

Billi l-attur nomine kien kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' tlettax-il miljun seba' mija u disa' u disghin elf hames mija u hdax-il lira taljani (LIT 13,799,511) prezz ta' merkanzija lilu mibjuha u konsenjata;

U billi l-konvenut nomine ghalkemm interpellat diversi drabi baqa' ma hallasx;

L-attur nomine talab lill-Qorti:

1. Li l-konvenut ihallas lill-attur nomine l-ekwivalenti fi flus Maltin tas-somma ta’ tlettax-il miljun seba’ mija u disa’ u disghin elf hames mija u hdax-il liri taljani (LIT 13,799,511) prezz ta’ merkanzija lilu mibjuha u konsenjata.

2. Li l-konvenut ihallas l-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut u danni ohra minnu sofferta minhabba telf fil-kambju dovuta ghall-mankat pagament.

3. Li l-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal- ta’ Gunju 1981.

Il-konvenut nomine gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paul Falzon u Alex Vella fil-kwalita` taghhom premessa li eccepew:

Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine peress illi mhux il-merkanzija kollha u l-kampjuni relattivi gew konsenjati lill-konvenuti nomine skond il-ftehim, kif kellu jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu respinti bhala intempestivi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Dr. Ian Refalo nomine li fiha semma li l-attur nomine kien kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' tlettax-il miljun seba' mija, disa' u disghin elf hames mija u hdax-il-Lira Taljani (LIT 13,799,511) prezz ta' merkanzija lilu mibjuha u konsenjata. Illi l-konvenut nomine ghalkemm interpellat diversi drabi baqa' ma hallasx.

Rat li l-attur nomine pprezenta wkoll prokura tas-socjeta` attrici, telex mibghuta mill-konvenut u invoice ghall-ammonti in kwistjoni kif ukoll nota tal-konverzjoni tal-flus li jammontaw ghal Lm4380.80. Fit-30 ta' Settembru 1985 l-attur nomine kkonferma d-dokumenti msemmija kif ukoll li baqa' ma sar ebda hlas.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti li fiha semmew li l-konvenut nomine akkwista minghand id-Ditta attrici kwantita` ta' merkanzija konsistenti f' formica. Illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien jikkontempla li oltre l-merkanzija proprio d-Ditta attrici kellha tibghat ukoll lid-Ditta konvenuta l-kampjuni relattivi sabiex jigu adoperati ghall-iskop ta' reklamar tal-prodott. Dan kollu kellu jigi konfermat mit-telexes fil-pussess tal-konvenuti, u li kellhom jigu esebiti waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kif ukoll mix-xhieda ta' Alex Vella. Illi sal-lum pero` nonostante t-talbiet ripetuti tal-konvenuti lid-Ditta attrici u nonostante li waslet il-merkanzija proprio, il-kampjuni kienu ghadhom ma gewx konsenjati, tant li l-istess merkanzija kienet ghadha kollha fl-istores tad-Ditta attrici minghajr possibilita` ta' bejgh. Illi ghalhekk una volta li d-Ditta attrici ghadha sal-lum ma onoratx u ma ezegwietx il-ftehim intier mal-konvenuti nomine il-konsegwenti pretenzjoni taghha ghall-hlas hija intempestiva. Konsegwentement ghar-ragunijiet premessi t-talbiet tad-Ditta attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-digriet tat-3 ta' Novembru 1983 li permezz tieghu gie nominat Dr. Joseph Cassar bhala Perit Legali, kif ukoll il-verbal tal-25 ta' Jannar 1989 li permezz tieghu l-Qorti ssostitwiet lill-imsemmi Perit Legali b' Dr. Louis Cassar Pullicino.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Louis Cassar Pullicino li fiha ntqal:

“Illi f’din il-kawza l-attur nomine qieghed jitlob hlas fis-somma ta’ LIT 13,799,511 (Tlettax-il miljun, seba’ mija disgha u disghin elf u hames mija u hdax il-Lira Taljani) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta. Oltre dan qed jintalab ukoll l-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut u danni ohra minnu sofferti minhabba telf fil-kambju dovuta ghall-mankat pagament.

Illi in sostenn ta’ din it-talba l-attur nomine esebixxa telex li permezz taghha saret l-ordni lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta kif ukoll il-fattura datata 28 ta’ Mejju 1980 numru 1448 li minnha jirrizulta lista tal-oggetti supliti u l-prezzijiet relattivi. Jigi rilevat illi l-ammont totali fil-fattura huwa indikat bhala LIT 39,113.256 u ghalhekk jidher illi l-ammont reklamat huwa bilanc mill-istess.

Illi l-konvenuti kkontestaw din it-talba billi mhux il-merkanzija kollha u l-kampjuni relattivi gew konsenjati lill-eccipjenti skond il-ftehim, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Illi fid-dikjarazzjoni annessa mal-eccezzjonijiet, il-konvenuti elaboraw l-eccezzjoni taghhom fis-sens illi apparti l-akkwist ta’ formica, il-ftehim bejn il-partijiet kien jikkontempla li oltre l-merkanzija d-ditta attrici kellha tibghat ukoll il-kampjuni relattivi sabiex jigu adoperati ghall-iskop ta’ reklamar tal-prodott. Dan kollu jigi konfermat mit-telexes fil-pussess tal-esponent u li jigu esebiti waqt it-trattazzjoni tal-kawza kif ukoll mix-xhieda ta’ Alex Falzon.

Illi f’din il-kawza, minkejja li l-esponent zamm diversi seduti ghall-gbir tal-provi tal-partijiet, l-ebda wahda mill-partijiet ma gabu provi oltre dak li gie dikjarat fl-atti. L-esponent sahansitra zamm zewg seduti kif ordnat mill-Qorti biex jingabru l-provi tal-konvenuti izda ma deher hadd ghas-seduti.

Illi fic-cirkostanzi, u abbazi ta’ dak li jirrizulta mill-process, l-esponent huwa tal-fehma li filwaqt illi t-talba attrici hija pruvata kemm mid-dikjarazzjoni guramentata mal-att tac-citazzjoni kif ukoll mid-dokumenti annessi mal-istess, l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, fis-sens illi d-ditta attrici naqset li tonora l-ftehim kollu milhuq, ma gietx pruvata. Fi kliem l-istess Alex Vella li halef id-dikjarazzjoni man-nota tal-eccezzjonijet, kien hemm provi ulterjuri fil-forma ta’ telexes u korrispondenza li kellha tigi esebita biex isostni t-tesi tal-konvenuti, izda dawn il-provi baqghu ma gewx prodotti.

Illi fid-dawl tal-premess l-esponent huwa tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk ghandha:

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta’ LIT 13,799,511 (Tlettax il-miljun, seba’ mija disgha u disghin elf u hames mija u hdax il-lira Taljana) rappresentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta, oltre l-imghax kummercjali mid-data tal-fattura u cioe` 28 ta’ Mejju 1980 sal-pagament effettiv.”

**D. KUNSIDERAZJONIJET:**

Illi din il-Qorti tosserva li hi meraviljata kif din il-kawza hadet dan iz-zmien kollu meta l-provi fiha huma veru ftit, izda fil-fehma tal-Qorti l-asserzjonijiet tas-socjeta` attrici huma sufficjentement ippruvati. Infatti l-attur nomine xehed li s-socjeta` attrici hija l-kreditrici tas-socjeta` konvenuta ghall-ammont ta’ liri Taljani li maqlubin ghall-Maltin fiz-zmien in kwistjoni kien Lm4380.80. Dan kien il-prezz dovut ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta u li taghha s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn il-provi huma sufficjenti.

Is-socjeta` konvenuta biex tezonera ruhha mid-debitu ppruvat li ssostni li mhux il-merkanzija kollha u l-kampjuni relattivi gew konsenjati lill-eccipjenti nomine skond il-ftehim. Issa f’ dan il-kaz il-provi tal-attur ma gewx kontradetti, la li sar il-ftehim, anqas il-prezz tal-merkanzija,

anqas il-konsenja, u ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta\` konvenuta li tipprova dak illi eccepiet. Infatti ***incumbit probatio qui dicit non ei qui negat***. Is-socjeta\` konvenuta f' ebda hin ma gabet il-provi li ma waslitx il-konsenja kollha waqt li s-socjeta\` attrici pproduciet dokumenti relattivi. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma tas-socjeta\` konvenuta li l-merkanzija ma waslitx kollha. Anqas ma saru ebda provi dwar il-kampjuni msemmija, apparti mill-fatt li fil-fehma tal-Qorti li jekk ma waslux il-kampjuni dan ma kienx sufficjenti biex ma jsirx il-hlas taht ic-cirkostanzi kif kienu. Kien jinkombi fuq is-socjeta\` konvenuta li ggib l-ahjar prova biex turi dak li eccepiet hi stess.

Meta merkanzija ma tkunx tikkonforma ruhha mal-ftehim ta' bejn il-partijiet kemm il-ligi u l-gurisprudenza jirrikjedu procedura ta' kif ghandha ssir ir-rifjut tal-merkanzija u li l-konsenja ma tigix accettata u mhux kif ghandek is-socjeta\` konvenuta li l-ewwel hadet l-oggetti in kwistjoni u wara qajjmet l-eccezzjonijiet ***de quo***.

Recentement (28 ta' Jannar 2005) inghatat sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **L & D Attard Co. Ltd. vs Eurometal Co. Ltd.** li ghalkemm ghamlet referenza qawwija fuq l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili hija xorta wahda applikabbli hafna ghall-kaz in ezami u sejra tirriproduci partijiet minnha fejn specjalment saret referenza ghal gurisprudenza ohra:

"15. Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Paul Galea pro et noe vs Carmel Galea deciza fil-31 ta' Jannar 2003, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (cit nru. 891/1990/1) intqal li gej dwar l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili,
"Riferibilment ghat-trasferiment ta' proprjeta\` u r-riskju ta' l-oggett mixtri, jinsab enuncjat illi meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh u javza lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjeta\` jew tal-periculum rei perditae"

(Francesco Zammit vs Celest Spiteri, Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953)."

Dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti (Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs Pauline Buhagiar nomine, Appell Civili, 28 ta' April 2000). Naturalment skond l-istess termini ta' l-artikolu tal-ligi, huwa seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit.

Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet: "John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott", Appell Civili, 19 ta' Mejju 2000, gie inoltre ritenut li
"Din kienet difiza li l-kompratur seta' javvanza wkoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita. Mill-banda l-ohra, jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irrimedjabilment il-posizzjoni tieghu".

16. Issa li kieku kellu jirrizulta li s-socjeta` konvenuta tabilhaqq hadet il-passi kollha necessarji biex turi r-rifjut tal-merkanzija de quo, allura t-talba attrici ma kenitx tintlaqa', pero` l-fatti juru xort`ohra.

Omissis.

19. Is-socjeta` konvenuta, ghalhekk, ma ppruvatx li hija kienet tassew irrifjutat il-merkanzija, anzi bl-atteggjament taghha jirrizulta invece li akkwijexxiet ghall-kwalita` tal-merkanzija kunsinnata lilha fil-mument li din giet konsenjata. Infatti, hija lmentat li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet miftiehma fil-kuntratt biss meta giet notifikata bil-kawza odjerna. Fi kliem iehor, ma jirrizultax li hija hadet il-passi mehtiega in sostenn ta' l-allegazzjoni

taghha li l-merkanzija de quo ma kenitx tirrispekkja l-ftehim mas-socjeta` attrici".

L-attur nomine talab l-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut izda din il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-ammont kien imsemmi fi flus Taljani fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni dan l-ammont fil-fatt qed jigi likwidat illum. Il-principju li ***in illiquidis non fit mora*** ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Ara f' dan is-sens **Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30/03/2001, **Strati vs Boselli** – 18/10/1909**, Mallia Tabone Utrinque** – 8/12/1903, **William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut** – Appell 29/05/1988.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Bl-istess mod il-konvenuti nomine kien jinkombi fuqhom li jekk huma riedu jirrifjutaw il-merkanzija kellhom jadottaw din il-procedura u mhux jaghzlu li jzzommu l-merkanzija u wara jippruvaw inehhu l-piz minn fuqhom billi jeccepixxu li mhux il-merkanzija kollha waslet ghandhom u li ma waslux il-kampjuni u li ghadda dan iz-zmien kollu minghajr ma sar il-hlas u anqas ebda depozitu.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti nomine. Peress li t-talba tal-attur nomine tidher gustifikata, tilqaghha u tordna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm4380.80 bl-imghax kummercjali mil-lum.

Spejjez kontra l-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------